MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2008

Talba Numru. 729/2007

**Drivetec (Malta) Limited (C-32708)**

**Vs**

**Philip Farrugia (ID 292151-m)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-26 ta` Settembru, 2007 fejn intalab li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta` Lm628.94 ekwivalenti (skond l-attur) ghal Euro €1,465.04c bil-VAT inkluz rapprezentanti valur ta` xoghol ta` tiswija u spare parts fuq vettura b'registrazzjoni numru FBY 758 proprjeta` ta` l-konvenut u dana ai termini ta` ftehim datat 3 ta` Mejju, 2007, kopja ta` liema gie anness u mmarkat Dok. A.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta` tliet ittri legali mmarkati Dok. B, C u D u bl-interessi.

Ra r-risposta prezentata mill-konvenut datata 16 ta` Ottubru, 2007 fejn ikkontesta t-talba attrici fis-sens illi ghalkemm is-socjeta` attrici kienet inkarigat ruhha li ssewwi l-hsara li zviluppat fil-vettura tal-konvenut din baqghet ma espletatx l-inkarigu minnha assunt anqas wara li presumibbilment gew installati l-parti il-godda. Illi fil-fatt il-problema li kellha l-vettura giet rimedjata minn terzi persuni mhux mis-socjeta` attrici.

Ezamina l-provi prodotti nkluz id-dokumenti ezebiti.

Sema` t-trattazzjoni orali maghmula mill-abbli difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra.

Illi skond il-provi migjuba miz-zewg nahat is-segwenti fatturi jirrizultaw mhux kontestati:-

Illi l-vettura jew ahjar xarabank tal-konvenut zviluppat il-hsara b'tali mod li ma setghetx tintuza fit-triq.

Illi s-socjeta` attrici kienet inkarigat ruhha u kwindi assumiet r-responsabbilita` li tirrimedja tali hsara.

Illi in segwitu ta` diversi nterventi adoperati minn haddiema tas-socjeta` attrici, inkluz bdil ta` parts minn naha tal-gear box, ix-xarabank tal-konvenut baqghet bl-istess problema u kwindi baqghet ma tistax tinstaq fit-triq.

Illi sa fl-ahhar il-konvenut irnexxielu jirrimedja l-hsara tramite l-intervent ta` terzi li identifikaw l-istess bhala provenjenti mill-ECU u difatti x-xarabank giet tahdem perfettament hekk kif inbidlet din il-part maghrufa bhala ECU.

Illi s-socjeta` attrici qieghedha titlob li tithallas ghal xoghol mahdum fuq l-istess xarabank kemm bhala labour u kif ukoll bhala valur ta` parts mibdula filwaqt li minn naha l-ohra l-konvenut qed jargumenta li ma ghandu jhallas xejn peress illi s-socjeta` attrici baqghet ma espletatx l-inkarigu minnha assunt. Illi s-socjeta` attrici tafferma li l-konvenut

kien intrabat li jhallas dawn l-ispejjez skond kif iffrimat minnu fuq l-iskrittura a fol. 3 tal-process. It-Tribunal pero` jinnota li din l-iskrittura titkellem fuq obbligu ta` hlas ghal xogholijiet li kienu ghadhom iridu jigu ezekwiti fuq l-istess xarabank kemm labour u kif ukoll parts halli din il-hsara fuq l-istess vettura tigi rimedjata. Illi pero` kif gia` rilevat hawn fuq u *ex admissis*, il-hsara li kellha x-xarabank ma gietx rimedjata mis-socjeta` attrici izda minn terzi persuni. In vista tal-premess ghalhekk ma jidhirx li jista` jigi tenut li skatta l-obbligu ta` hlas mill-konvenut a tenur ta` din l-iskrittura peress illi l-kondizzjoni *sine qua non* ta` l-istess kienet ir-riparazzjoni tax-xarabank mis-socjeta` attrici, liema riparazzjoni qatt ma sehhet.

Illi huwa minnu wkoll pero` li l-konvenut ghadu qed igawdi minn parts godda li nbiddlu fis-sistema tal-gear box u kwindi strettament ghandu jirrizulta li jkun gust u ekwu li s-socjeta` almenu tithallas taghhom. Fl-istess nifs pero` jigi rilevat ukoll li s-socjeta` attrici naqset li ggib prova dwar kemm kienu jiswew il-parts il-godda nstallati u fi kwalunkwe kaz kif xehed Marcel Chetcuti ghas-socjeta` attrici, l-parts il-qodma kienu ghadhom ghandhom u dawn ma kien fihom xejn hazin. Barra minhekk tajjeb li jigi osservat ukoll li x-xarabank tal-konvenut baqghet ma tistax tintuza fit-triq fuq xoghol u kwindi b'telf ta` qliegh ghall-istess konvenut ghal perjodu ta` zmien ingustifikat, u dana kollu per konsegwenza ta` nuqqas ta` kompetenza tas-socjeta` attrici li naqsu li jgharrfu l-kawza tal-hsara. Dan qed jinghad peress illi haddiehor mill-ewwel identifika x'kien il-kagun tal-hsara minghajr ma qghadx jaghmel hafna testijiet. Fil-fatt il-konvenut jafferma li l-apparat li rrizulta mehtieg cioe` l-ECU kien installah hu stess u x-xarabank ghadha tahdimlu tajjeb sal-gurnata ta` llum.

It-Tribunal ghalhekk qieghed ghar-ragunijiet premessi jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa` l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut, kwindi jichad it-talba attrici, bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza a karigu ta` l-istess socjeta` attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------